MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1398/2001/1

**Taoufik Satouri**

**vs**

**Taoufik Satouri li b'digriet tat-22 ta' Marzu 2002 gie nominat bhala kuratur *ad litem* biex jirrapprezenta lill-minuri Yesser Cassar li twieled fl-14 ta' Ottubru 2000;**

**Henda Cassar;**

**Anthony Cassar; u**

**Id-Direttur Registru tar- Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur kellu relazzjoni mal-konvenuta Henda Cassar, minn liema relazzjoni twieled il-minuri Yesser fl-14 ta' Ottubru 2000 fl-Isptar San Luqa;

Illi ghalhekk l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri Yesser Cassar;

Illi fic-Certifikat tat-Twelid tal-istess tarbija gie mnizzel bhala missier it-tarbija l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-konvenut Anthony Cassar;

Illi l-attur ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi talab li l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-missier naturali tat-tarbija Yesser li twieled fl-14 ta' Ottubru 2001, huwa l-attur u mhux il-konvenut Anthony Cassar.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji fic-Certifikat tat-Twelid tat-tarbija msemmija billi l-isem, il-kunjom u l-konnotati l-ohra ta' Anthony Cassar jigu sostiwiti b'dawk ta' l-attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2123/01 kontra l-konvenuta li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 7 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attur tal-31 ta’ Lulju 2001, ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku tat-13 ta’ Awissu 2001 u d-digriet tal-Qorti tat-28 ta’ Jannar 2002 fejn ordnat li jigu nominati kuraturi deputati *ad litem* kif premess.

Rat ir-rikos tal-attur tal-20 ta’ Marzu 2002 fejn talab li jigi awtorizzat li jidher bhala kuratur *ad litem* tal-minuri Yesser

Cassar u d-digriet tal-Qorti tat-22 ta’ Marzu 2002 fejn laqghet it-talba.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tas-16 t’April 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur Registru Pubbliku tad-9 ta’ Awissu 2002 a fol 22 fejn gie eccepit:

1. Fil-mertu illi f’dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghas-success tal-azzjoni odjerna tinhtieg il-prova tal-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konvenuti konjugi Henda Cassar u zewgha Anthony Cassar fil-perjodu tal-probabbli koncepiment tal-minuri Yesser li dwaru qed issir il-kawza odjerna;

3. Illi inoltre u wkoll bla pregudizzju, f’kaz li jintlaqghu t-talbiet tal-attur ghandhom jigu kancellati l-kliem "*the said*" mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet tal-omm, oltre l-fatt li l-istess attur ghandu jindika d-dettalji personali kollha tieghu li huwa qed jitlob li jigu nseriti fl-att tat-twelid in kwistjoni u cioe` l-eta`, id-dokument tal-identita`, il-post tat-twelid u tar-residenza tieghu kif ukoll isem u kunjom missieru u jekk hux haj jew mejjet;

4. Illi in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid huma ghal kollox estranei ghall-esponent huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol fol 23 tal-process;

Rat il-verbal tas-16 ta’ Ottubru 2002 fejn Dr Anthony Ellul ghall-attur u bhala kuratur tal-minuri li ta’ ruhu b’notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza. Inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet b’terminu ta’ 15 il-jum lill-attrici u 30 jum lill-konvenut u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghad-9 ta’ Jannar 2003.

Rat li l-konvenuti Henda Cassar u Anthony Cassar ghalkemm debitament notifikati bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh baqghu ma prezentaw l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqghu kontumaci.

Rat in-nota tal-attur tal-5 ta' Novembru 2002 fejn esebixxa l-affidavit tieghu stess (fol 27 sa 29).

Rat in-nota tal-konvenuti Henda Cassar u Anthony Cassar fejn gie prezentat l-affidavit taghhom (fol 31 sa 33).

Rat il-verbali tad-9 ta' Jannar 2003 u tal-4 ta' Marzu 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### (A) <u>PROVI</u>

Illi fl-affidavit tieghu **l-attur Taoufik Satouri** qal is-segwenti:

*"1. Niddikjara li cirka sena ilu jiena bdejt relazzjoni extra-maritali ma' Henda Cassar, u cioe' tfajla ta' nazzjonalita Tunezina li hija mizzewwga Malti.*

*2. Fil-perjodu meta jiena u Henda bdejna niffrekwentaw lil xulxin hija kienet separata minn zewgha. Jiena sirt naf lil Henda tramite xi hbieb Tunezini hawn Malta stess u dan wara li hija sseparat.*

*3. Jiena u Henda ghamilna perjodu qasir ta' cirka tlett xhur nghixu flimkien fl-appartament tieghi gewwa Paceville. F'dawn it-tlett xhur ahna kien ikollna relazzjonijiet intimi flimkien. Naf li Henda f' dan l-perjodu qatt ma ltaqat ma' zewgha Anthony Cassar. Dan nafu peress li jiena u Henda konna nqattghu l-maggorparti tal-*

*hin flimkien u ghalhekk jiena kont inkun naf il-movimenti kollha ta' Henda.*

*4. F'Jannar, 2000, Henda nqabdet tqila minn tarbija tieghi. Ahna konna ilna flimkien cirka xahar biss. F'dan x-xahar jiena u Henda kien ikollna relazzjonijiet intimi kwazi kuljum. Ftit gimghat wara li Henda nqabdet tqila ahna bdejna niggieldu ta' spiss u fil-fatt meta Henda kellha cirka xahrejn tqala hija ddecidiet li titlaq mid-dar tieghi.*

*5. Wara li temmejna r-relazzjoni ta' bejnietna, jiena u Henda xorta wahda bqajna hbieb u dan minhabba t-tarbija li konna qed nistennew. Fil-fatt jiena kont niltaqa' ma' Henda ta' spiss biex nara l-progress li qeghda taghmel fit-tqala. Mhux biss izda f'xi okkazzjonijiet jiena sahansitra mort maghha l-Isptar San Luqa ghal viziti regolari li kien ikollha l-Gynae Ward.*

*6. Nikkonferma li meta Henda dahlet l-Isptar biex twelled, lili gharrfitni b'dan minnufih. F'dak il-perjodu jiena kont imsiefer u ghalhekk kont incempel ta' spiss fuq il-mobile ta' Henda jew ghand ohtha biex nara jekk twieldetx it-tarbija.*

*7. Fl-14 ta' Ottubru, 2000, twielidli tifel u cioe' Yesser. Jiena u Henda konna ftehemna minn qabel x'ser insemmu lit-tarbija, u dan peress li ahna konna nafu minn qabel permezz tal-ultrasound li kien ser ikollna tifel.*

*8. Nghid li jiena nkun ta' spiss barra minn Malta fuq xoghol, pero' kull darba li nigi Malta jiena u Henda niftehmu li niltaqghu biex inqatta' ftit sieghat ma' ibni."*

Illi fl-affidavit taghha l-**konvenuta Henda Cassar** qalet:

*"1. Niddikiara li jiena kelli tarbija minn relazzjoni extra-maritali li kelli ma' Taoufik Satouri. Din it-tarbija ossija, Yesser, twieled fl-14 t'Ottubru, 2000.*

*2. Nghid li ftit wara li zzewwigt lil Anthony Cassar, inqala' nkwiet kbir bejnietna tant li jiena tlaqt mid-dar matrimonjali. Wara ftit zmien bdejt nohrog ma'*

*Taoufik Satouri, li sirt nafu hawn Malta u li huwa minn Tunez ukoll. Ftit gimghat wara li bdejna nohorgu flimkien jiena mort nghix ma' Taoufik fid-dar tieghu f'Paceville.*

*3. Wara xi xahrejn li jiena mort nghix ma' Taoufik, jiena hrigt tqila minnu. F'dan il-perjodu jiena kelli relazzjonijiet intimi ma' Taoufik biss u ghalhekk certa li t-tarbija hija ibnu. F'dak iz-zmien lanqas biss kont niltaqa' ma zewgi u certament li Yesser m'huwiex iben zewgi.*

*4. Fil-fatt kien Taoufik li kien jiehu hsieb il-bzonnijiet tieghi waqt it-tqala, u kien jigi jzurni l-Isptar. Mhux biss izda huwa kien xtara l-bzonnijiet kollha tat-tarbija.*

*5. Nikkonferma li mat-twelid tat-tarbija, ikkomunika mieghi zewgi u widdibni biex ma nizzilx lil Yesser bhala ibnu. Fil-fatt jiena kont personalment mort ir-Registru Pubbliku a gharraft lill-ufficjal li kien hemm, li t-tarbija ma kenitx wild Anthony Cassar, izda wild Taoufik Satouri. Dak l-ufficjal qalli li peress li jiena ma kontx separata legalment minn zewgi Anthony Cassar, it-tarbija kellha bilfors titnezzel bhala wild Anthony Cassar. Sal-lum zewgi ghadu qed joggezzjona li t-tarbija ta' Taoufik titnizzel bhala ibnu.*

*6. Nghid li sal-lum il-gurnata Taoufik ghadu jara lill-minuri Yesser u sahansitra jzommu mieghu ghal granet shah. Mhux biss izda huwa ghadu jiehu hsieb il-bzonnijiet tat-tarbija u dan ghalkemm ahna m'ghadniex flimkien."*

Illi fl-affidavit tieghu **il-konvenut Anthony Cassar** qal illi:

*"1. Niddikjara li fit-3 ta' Settembru, 1999 jiena zzewwigt lil Hinda Arouri. Nghid li z-zwieg taghna mal-ewwel mar hazin u fil-fatt ma bqajniex nghixu flimkien wara ftit xhur li zzewwigna. Hinda ghamlet perjodu fejn telqet mid-dar u f'dan il-perjodu naf li harget tqila.*

*2. Nikkonferma li t-tarbija ta' Hinda m'hijiex wild naturali tieghi. Jiena da parti tieghi qatt ma kelli tfal. Fil-fatt jiena sirt naf li Hinda kienet qed tbati ferm bit-tqala, u ta' spiss kienet qeghda tidhol l-Isptar. Jiena naf li l-Isptar kien imur izur lil Hinda missier it-tarbija li naf li huwa Tunezin ukoll bhal marti.*

*3. Nghid li malli twieldet it-tarbija, jiena widdibt lil Hinda biex ma tirregistrax it-tarbija bhala wild tieghi. Ma ridtx trabi ta' haddiehor fuq ismi. Pero' naf li marti ma setghetx taghmel mod iehor, peress li ahna m'ahniex separati bil-Qorti. Ghalhekk it-tarbija giet registrata bhala tieghi, meta dan m'huwiex minnu.*

*4. Nghid li sal-lum il-gurnata jiena ghadni qed noggezzjona ghal fatt li t-tarbija ta' marti tinsab registrata fuq ismi."*

## (B) LIGU U GURISPRUDENZA

Illi din il-kawza saret sabiex il-minuri Yesser Cassar li gie registrat bhala t-tifel tal-konvenut Anthony Cassar jigi dikjarat li Taoufik Satouri hu l-missier naturali tieghu u mhux Anthony Cassar. Fil-fatt l-istess Satouri qed jitlob it-tibdil fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Nru: 4179/2000.

Illi jidher car li l-attur qed jipprevalixxi ruhu mill-**artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*"Il-legittima' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li jekk l-attur qed jippretendi li huwa l-missier tal-minuri huwa ghandu nteress li jaghmel din il-kawza, pero' qabel ma tigi trattata l-istess, trid tigi sorvolata d-dispozizzjoni tal-**artikolu 81 tal-Kap 16** li tipprovdi li:-

*(1) "Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat tal-iben legittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-twelid tieghu".*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittima tal-persuna, ladarba din twieldet fiz-zwieg, u ladarba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. (FGC) 10 ta' Mejju 1996) inghad li:-

*"Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkummenta dwar dispozizzjoni analoga tal-Kodici Taljan … …." "Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l' incarnazione della formula solenne 'pater is est quiem justae nuptiae demonstrat'. A questo principio, che non e' tanto un dettato dell' antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall' esperienza di molti secoli, si e' attentuato il legistatore patrio, e percio' nell' articolo 159, che il marito e' padre del figlio concepito durante il matrimonio"* - (**Diritto Civili.** Vol. 1 para 49 pag. 76).

Illi in effetti l-**artikolu 67 tal-Kap 16,** (li jikkorrispondi mal-artikolu 159 tal-Kodici Taljan) jipprovdi li:

*"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita' ta' l-ulied u cjoe':

(1) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassattivament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(2) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni inghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952) li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*"It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni tal-presenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza".*

*"Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilta' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi*

*tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu”*

Illi f’kaz maghmul a bazi ta’ din l-azzjoni fis-sentenza **“Walter Ahar nomine vs Pio Micallef”** (P.A. (AJM) 21 ta’ Frar 1996) inghad illi *“minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta’ omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu l-possibilta’ li jkollu relazzjoni ma’ martu, ma ghandu jkun ta’ ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita’ tal-missier naturali tal-istess attur”.*

(3) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*“Il-legittimita’ ta’ tifel imwieled matul iz-zwieg tista’ tigi attakkata minn kull min ghandu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f’impossibilita’ li jghammar ma’ martu minhabba li kien ‘il boghod minnha”.*

Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta’ mpunjazzjoni ta’ legittimita’ hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita’ lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita’ jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero’ fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta’ iben legittimu ma jista’ jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-*istatus* ta’ iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma’ tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond l-**artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta’ iben jew bint li skond l-att ta’ twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta’ twelid jikkunsidrah

legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond l-**artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA (RCP) 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** mal-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibilita' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (PA (RCP) 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna,*

*peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat a bazi tal-**artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibilita' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie wkoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (PA (RCP) 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid **jew** ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (PA (RCP) deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (PA (RCP) 10 ta' Novembru 1999); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. (RCP) deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru: 190/97/RCP); "**Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`"** (P.A. (RCP) deciza fl-14 ta' April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP) u "**Domenic Briffa vs Therese Fenech et"** (P.A. (RCP) deciza 30 ta' Mejju, 2002 - Cit Nru 1916/00/RCP) u ohrajn.

Illi dwar l-interpretazzjoni tal-**artikolu 77** u dwar il-kuncett ta' *"impossibilita' fizika"* hemm indikata, wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Ronald Bray vs Charmaine Bray et"** (N.A. 19 ta' Novembru 1997) fejn inghad li *"l-impossibilita'*

*fizika li ghaliha hemm riferenza ghandha tkun wahda li setghet taffetwa b'xi mod il-koncepiment tat-tarbija".* **("Noelle Spiteri vs Ernest Cilia").**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta car li l-ligi giet sodisfatta nkwantu jirrigwarda t-talbiet attrici u dan peress li mill-provi jirrizulta konkludentement illi l-minuri huwa frott ta' relazzjoni li kellu l-attur mal-konvenuta Henda Cassar, tant li fi zmien il-koncempiment tal-istess tarbija, l-istess persuni kienu qed jghixu flimkien u l-konvenuta kienet *de facto* separata minn zewgha; jidher ukoll li t-terminu msemmi mill-ligi jinsab ukoll sodisfatt; u fl-ahharnett jirrizulta wkoll li fit-termini stipulati kien hemm l-impossibilita` fizika dettata mill-ligi sabiex jinghad li l-istess minuri ma jistax ikun wild tal-konvenuti Henda Cassar u Anthony Cassar u dan jinsab kategorikament ikkonfermat mix-xhieda rispettiva taghhom li bl-ebda mod ma giet kontestata.

Illi apparti dan, jirrizulta wkoll li dan l-istess minuri qatt ma kellu l-istat ta' iben legittimu, tant li zewg il-konvenuta Cassar addirittura iprojbixxa lill-konvenuta, omm l-istess minuri, milli tindika l-istess minuri bhala ibnu; li dan ma sarx kien biss minhabba d-disposizzjonijiet legali li jiprojbixxu li dan isir jekk ma jkunx hemm decizjoni tal-Qorti li tikkonferma l-paternita` tal-istess minuri; tenut kont tal-fatt li l-istess konjugi Cassar f'dak iz-zmien kienu biss *de facto* separati.

Illi apparti dan jidher li l-istess minuri dejjem gie kkonsidrat bhala iben l-attur kif fil-fatt kien u dan mhux biss bejn il-kontendenti izda in generali, u r-relazzjoni tal-istess minuri rigward il-missier hija biss ma l-attur u qatt mal-konvenut Anthony Cassar.  Ovvjament taht dan l-aspett u wkoll dak appena accentat fil-paragrafi precedenti d-dikjarazzjoni tal-omm hija ta' mportanza massima kif ritenut fil-gurisprudenza fuq citata.

Illi ghalhekk minn dan jidher li r-rekwiziti tal-**artikolu 77 tal-Kap 16** gew ilkoll sodisfatti *stante* li fit-terminu ndikat fl-istess artikolu r-ragel tal-konvenuta qatt ma kellu jew seta' jkollu relazzjoni mal-istess martu u dan kollu skond l-

interpretazzjoni tal-istess **artikolu 77** moghtija u kkonfermata diversi drabi minn dawn il-Qrati tant li dwar il-kuncett ta' *"impossibilita' fizika"* hemm indikata fl-istess dispozizzjoni tal-ligi, wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Ronald Bray vs Charmaine Bray et"** (P.A. (N.A.) 19 ta' Novembru 1997) fejn inghad li *"l-impossibilita' fizika li ghaliha hemm riferenza ghandha tkun wahda li setghet taffetwa b'xi mod il-koncepiment tat-tarbija"* **("Noelle Spiteri vs Ernest Cilia"** P.A. (N.A.) 30 ta' Jannar 1998; **"Francis sive Frank Xuereb vs Maria Bonello" (**P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002).

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur Registru Pubbliku in kwantu l-istess jikkontrastaw mal-azzjoni attrici, u fil-kontumacja tal-konvenuti l-ohra, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara li l-missier naturali tat-tarbija Yesser li twieled fl-14 ta' Ottubru 2001, huwa l-attur u mhux il-konvenut Anthony Cassar.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji fic-Certifikat tat-Twelid tat-tarbija msemmija billi l-isem, il-kunjom u l-konnotati l-ohra ta' Anthony Cassar jigu sostiwiti b'dawk ta' l-attur Taoufik Satouri, *self-employed*, iben Abdessalem u Memassa xebba Tilouine, imwieled Jerba, Tunisia u residenti San Giljan, Karta tal-Identita` Numru 18684 (A), b'dan li l-istess attur jigi ndikat bhala l-missier tal-istess minuri,u ghalhekk isiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji sabiex dan jigi rifless fl-istess certifikat tat-twelid inkluz li l-kelma *the said* tigi mnehhija mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet tal-omm fl-istess certifikat.

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16**.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati mill-istess attur *proprio* u l-konvenuta Henda Cassar, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenuti l-ohra.

**Moqrija.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------